C/2025/445

17.1.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11809 – ROLLS-ROYCE / CEZ HOLDINGS / ROLLS-ROYCE SMR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/445)

1. Fid-9 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Rolls-Royce Plc ("Rolls-Royce", ir-Renju Unit),

— CEZ Holdings B.V. ("CEZ", ir-Repubblika Ċeka), u

— Rolls-Royce SMR Limited ("RR SMR", ir-Renju Unit).

Rolls-Royce and CEZ se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' RR SMR.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Rolls-Royce huwa parti mill-Grupp Rolls-Royce, li l-attivitajiet prinċipali tiegħu jinvolvu l-iżvilupp u l-manifattura ta' magni u sistemi tal-enerġija għall-ajruspazju ċivili, id-difiża, l-ibħra u l-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, u

— CEZ Holdings hija parti mill-Grupp CEZ, grupp Ewropew tal-enerġija, li l-attivitajiet prinċipali tiegħu jinvolvu l-ġenerazzjoni, il-kummerċ bl-ingrossa, id-distribuzzjoni u l-provvista bl-imnut tal-elettriku, il-kummerċ bl-ingrossa u l-provvista bl-imnut tal-gass naturali, u l-forniment ta' servizzi ta' inġinerija fir-rigward tal-enerġiji rinnovabbli.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-RR SMR huma r-riċerka, l-iżvilupp, u fi żmien debitu l-użu ta' disinji żgħar ta' reatturi nukleari modulari.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11809 – ROLLS-ROYCE / CEZ HOLDINGS / ROLLS-ROYCE SMR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË